MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2009

Numru 276/1999

PULIZIJA
SPETTUR CARMELO BARTOLO
VS
RAYMOND FALZON

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Raymond Falzon iben il-mejjet Vincent u l-mejta Pauline nee' Bonnici, imwieled ir-Rabat nhar is-16 ta' Mekku, 1963 u residenti gewwa 'St Michael's Farmhouse' Mtarfa, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 324563M u akkuzat:

1. Talli bejn f'xi hin bejn it-8:30 ta' filghaxija tal-21 ta' Mejju 1997 u it-8:00 ta' filghodu tat-22 ta' Mejju 1997 waqt li kien f'Haz-Zebbug ikkommetta serq ta' diversi ogetti fosthom mutur tal-hart, liema serq li huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz u valur li jiskorri l-elf lira Maltija, sar ghad-detriment ta' Joseph Caruana minn Haz-Zebbug.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehhuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament b'kull mod li jkun imdahhal sabiex ibieghhom jew imexxihom, liema ogetti misruqa gejjin minn serq ikkwalifikat bil- valur li jiskorri l-elf lira Maltija ( Lm1000)

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-akkuzi elenkati mill-Avukat Generali taht liema din il-Qorti tista ssib htija fl-imputat.

Rat il-verbal tat- 3 ta' Mejju, 2006 fejn l-imputat ma sabx ogezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti (fol 167)

Semghet trattazzjoni tal- partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda tal- Prosekuzzjoni jirrizulta illi fit- 22 ta' Mejju, 1997 certu Joseph Caruana (ara xhieda a fol 20 - 27) ghamel rapport lil Pulizija Distrettwali illi kien insteraqlu mir-razett tieghu xi ghodod inkluz mutur tal-hart valur Lm 1050 u xi fertilizzant b' valur ta' LM500 u nfethet inkjesta Magisterjali.

Illi fit- 3 ta' Dicembru, 1998 l-kwerelant Caruana rraporta lill-Pulizija illi l-mutur tal-hart tieghu kien fil-pussess ta' certu Vincent Grech mill-Imtarfa. Dan gie mitkellem mill pulizija u informhom illi kien xtara l-mutur tal-hart sena u nofs qabel minn ghand l-imputat ghal-prezz ta' Lm 400 izda fix-xhieda tieghu ma kienx cert affatto dwar id-data u qal li seta kien f'April 1998 (ara xhieda a fol 28-33). Il-mutur tal- hart kellu n-numru ta chassis tieghu migruf u li dak l-grif ma sarx minn Vincent Grech.

Il-kwerelant Caruana gharaf l-mutur tal-hart tieghu mill-modifiki fis-shaft tieghu, (modifiki li wettaq huma stess) kif

wkoll mill ‘stickers’ mwahhlin fuqu. Dawn l-istickers kienu tqaxxru izda kien ghad baqa xi traccijiet minnhom mwahhla fuq l-mutur tal-hart.

Raymond Falzon ghazel fl- istqarrija tieghi illi ma jwiegeb ghal ebda domanda.

Joseph Borg kkonferma li ghamilha ta’ sensar bejn Grech u l-imputat ghal biegh tal- mutur tal-hart u li l-biegh sehh ghal-habta ta’ April 1998 u li thallas minn partijiet ghal daqsekk u stqarr illi l-prezz kien ta’ Lm600.

Mix-xhieda tal-imputat imbaghad jirrizulta illi huwa kien xtara mutur tal-hart minn go car booth sale f’Marsascala ghal prezz ta’ Lm 450, wara li waqqa l-prezz tieghu b’Lm 100.

Ta deskrizzjoni tal-persuna minn ghand min xtrah u li kellu Ford Transit li kienet griza. L-imputat xhed illi x-xerrej kien qallu li missieru kien miet u ghaldaqstant ma kien hemm hadd min seta juza dan il-mutur tal-hart.

Illi sussegwentament wara li kien haddmu xi erbgha darbiet kien wehillu il-mutur u “kwazi qataghli saqajja barra u dan il-mutur ma ridx narah izjed b’ghajnejja” u ddecieda li jbieghu. Kien gie Joe Borg li kien jghinu fil-hart u talbu biex jsiblu lil xi hadd interessat li jixtrih.

Illi l-biegh sar ghal prezz ta’ LM 450.

Illi sussegwentament gie nvestigat mill-pulizija. L-imputat jichad b’mod kategoriku lil kien jaf li l-mutur kien provenjenti minn serq. In kontro ezami l-imputat kien stqarr illi kien xtara dan il-mutur xi 11 il-xahar jew sena qabel ma bieghu. Qal wkoll illi ma kienx induna bi thassir jew grif tan-numru tac-chassies tal-mutur. L-imputat stqarr illi qabel ma xtara dan il-mutur kien mar ghand Portelli tar-Rabat u ra muturi simili ghal-prezz ta’ Lm 850 u allura ra l-prezz ta Lm 450 ragenevoli.

L-imputat stqarr fuq domanda tal-Qorti li huwa kien offra lill-Ufficjal Prsoekutur li jmorru flimkien Marsaskjala sabiex

jiddentifika lil persuna minn ghand minn xtara originarjament il-mutur tal-hart izda din l-offerta ma gietx milqugha. Minkejja dan, l-imputat mar wahdu f; zewg okkazzjoniet (il-Hdud) izda din  tfittxija ma hallet ebda frott.

L-imputat stqarr illi huwa kien xtara dan il-mutur tal-hart ghal-habta ta' 12:30 pm. Di piu meta gie biex jergha jbiegh ghamel dan b' mod apert ma persuna li kien se jaffacja kwazi kuljum.

Ikkonsidrat:

Illi mill provi prodotti jirrizulta ampiament illi l-prosekuzjoni ma rnexxilhomx jipprovaw minghajr dubbju dettat mir-raguni illi l-mutur tal-hart gie misruq mill-imputat. Ma hemm ebda xrara ta evidenza f'dan is-sens.

Illi ghar-rigward ta t-tieni akkuza, fil-fehma tal-Qorti, l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova illi l-imputat  kellu x-xjenza tal-fatt illi kien qed jixtri ogett misruq.

Di piu', l-agir tal-imputat kemm fil-mument tax-xiri, ma wera ebda agir susspettuz li jista' b'xi mod jipperswadi lil Qorti illi kien jaf bil- provenjenza illecita qabel ma xtara jew waqt li kien qed jipprova jbiegh dan il- mutur. Dan qieghed jinghad il- ghaliex l-imputat jghid li xtara dan il-mutur minn go car booth sale f' Marsascala il-Hadd fid-dawl tax-xemx ghal prezz ragenevoli, indika lil-Ufficjal Prosekutur id-deskrizzjoni tar-ragel u dettalji tal- vann tieghu u offra li jmur mieghu l-Hadd ta' wara fl- istess monti. Meta din l-offerta ma ntlaqatx xorta wahda mar hu minn rajh ghal zewg hdud konsekuttivi.

Illi di piu', meta gie biex jbiegh il-mutur, l-imputat qabbad lil gara tieghu fir-raba - persuna li jirrinfacca kwazi kuljum - biex jbieghlu u l-gara tieghu (Borg) fil-fatt hekk ghamel. In oltre', meta wiehed jara l-prezz mutur, wiehed jaghraf li kien prezz ragonevoli ghaliex gdid, kien jiswa madwar €1,863.50 (kwivalenti ghal Lm 800). Apparti minn dan, meta rega' ntbiegh ma kienx hemm avarija fil-prezz li allura jista', b'xi mod, iqanqal suspett.

Illi ghal dawn il- mottivi l-Qorti ssib lil imputat mhux hati tal- akkuzi u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------